# Il-Bankun Artistiku Li Fuqu Titqiegħed Il-Vara Titolari Tagħna Ta' Santa Marija

Joseph Borg

Wara li fl-1948, il-vara ta' Santa Marija li kellna ta' Salvatore Dimech inbidlet f'dik li għandna llum ta' Vincent Apap, kibret ix-xewqa tal-Mostin sabiex l-istatwa titolari l-'ġdida' jkollha wkoll bankun sabiħ, bħalma diġa' kellhom, ħafna mill-istatwi titolari l-oħra. Sa minn dak iż-żmien ukoll ma' l-idea ta' bankun ġdid kien hemm ukoll marbuta magħha l-idea ta' pedistall ġdid tal-fidda.

Għal dan il-għan kienu diġa' tqabbdu disinjaturi ta' fama sabiex jagħmlu d-disinji tagħhom. L-ewwel disinn kien sar mill-iskultur u disinjatur, l-ebanista msemmi Emanuel Buħagiar mill-Birgu. Dan kien għamel disinn kemm għall-bankun, kif ukoll għall-pedistall tal-fidda. Għal xi raġuni jew oħra, id-disinn ta' Buħagiar ma kienx għadda mill-'Kurja'.

Sar imbagħad disinn mill-iskultur u disinjatur ieħor imsemmi, s-Surmast Carmelo Tonna tar-Rabat (Malta). Wara si modifakazzjonijiet, fl-aħħar, id-disinn ta' Tonna għadda mill-'Kurja' u hekk sa fl-aħħar ix-xogħol seta' jibda. Tonna kien diġa' wera l-kapaċità tiegħu meta ddisinja u ħadem il-pulptu sabiħ li għandna. Iżjed 'il quddiem iddisinja wkoll pedistall ġdid tal-fidda għal Santa Marija, li baqa' ma sarx.

### Deskrizzjoni tal-Bankun

Bħala disinn il-bankun ta' Tonna huwa tassew opra artistika. Minn fuq bażi la baxxa u lanqas għolja, jitilgħu maestużi sittax-il kolonna dekorattivi b'kapitelli ta' stil juniku, erbgħa f'kull faċċata. F'kull faċċata hemm panew tal-bronż 'alto riljiev' b'żewġ niċeċ maġenbu. F'kull niċċa hemm statwa tal-bronż ta' nisa bibliċi. Il-kolonni qegħdin jerfgħu fuqhom gwarniċan komplut bi friż u arkitrav li jgħaddi setgħani dawramejt mal-bankun u joħroġ iżjed 'il barra meta jgħaddi minn fuq il-panew tan-nofs. Minn fuq dan il-gwarniċun, titla' kollha ħlewwa l-bradella mżejna bi ġmiel ta' mazzettuni tal-ward skolpiti fl-injam, li jingħaqdu ħelu ħelu madwar medaljun tal-bronż bin-'Nome di Maria' li wieħed jista' jara f'nofs kull waħda mill-erba' faċċati tal-bradella.

### Il-Bronż ta' Carlo Pisi

Il-bankun huwa mżejjen bil-bronż ta' l-iskultur Ruman Carlo Pisi. Il-bronż kollu li ħadem dan l-artist jikkonsisti fl-erba' panewwijiet prinċipali u fit-tmien statwetti tal-bronż. Dan il-bronż kien ġie espost fis-Sagristija fl-okkazjoni tal-Festa ta' Santa Marija ta' l-1956.

Quddiem, fil-panew tan-nofs tidher il-Mewt Glorjuża tal-Madonna mdawra bl-Appostli. L-istatwi li jidhru fin-niċeċ ta' din il-faċċata hemm fihom l-eroini Ġuditta u Ġaele, iż-żewġ nisa qalbiena li ħarġu rebbieħa fuq żewġ għedewwa tal-Poplu Lhudi.

Fil-faċċata tal-lemin tidher Marija mħabbra mill-Arkanġlu Gabrijiel. Iż-żewġ statwi li jidhru fin-niċeċ ta' din il-faċċata leminija juru l-Profetessa Debora u Sara, il-mara ta' Abram.

Fil-faċċata xellugija tidher Marija Reġina fil-glorja tal-Ġenna mfaħħra mill-Anġli u l-Qaddisin. Fin-niċeċ ta' madwar dan il-panew jidhru iż-żewġ irġejjen Esther u Betsabea.

Fil-faċċata ta' wara naraw dehra tal-Proklamazzjoni Sollenni tad-Domma ta' l-Assunzjoni nhar l-1 ta' Novembru, 1950 mill-Papa Piju XII. Fost il-figuri f'dan il-panew jidhru l-Arċisqof Gonzi u l-istess skultur Carlo Pisi, Iż-żewġ statwi li naraw f'din il-faċċata huma dawk ta' Rut u Abigaele.

Xogħolijiet oħrajn tal-bronż li jżejnu l-bankun huma l-erba' mazzettuni tal-ward tawwalin li jidhru fil-kantunieri, l-erba' skudetti bin-'Nome di Maria' tal-bradella u xi rożetti oħrajn. Dawn ix-xogħlijiet żgħar kienu nħadmu hawn Malta.

Ix-xogħol ta' skultura fl-injam bħalma huma l-irjus tal-puttini, il-mazzettuni tal-bradella u oħrajn u l-bqija ta' l-iskultura l-oħra li tidher mal-bankun kollu hija xogħol fin fl-injam ta' l-iskultur Carmelo Tonna.

### Xogħol ta' Mgħallem Mosti

Għalkemm l-imgħallem ewlieni li taħtu sar ix-xogħol kollu tal-bankun kollu kien l-imgħallem Ġużeppi Tonna, li kien jiġi ħu l-istess disinjatur Tonna, però fil-fatt dak li ħadem tista' tgħid il-bankun kollu kien l-imgħallem Mosti l-ieħor Ġanni Agius. Is-Sur Agius mhux biss ħadem il-bankun flimkien mas-Sur Ġużeppi Tonna iżda miegħu ukoll illustrah.

Il-bankun huwa maħdum b'sengħa kbira minn injam ta' l-aħmar infurrat minn barra minn injam ta' ġewż Amerikan mill-ifjen ta' madwar għaxar millimetri ħxuna. Skond ma qal dan l-imgħallem Mosti, il-bankun ma fih l-ebda musmar u l-ebda naqra waħda stokk.

It-tavluni tal-ġewż Amerikan li minhom sar dan il-bankun hekk sabiħ kienu ġew mibgħutin minn ċertu Mosti li kien joqgħod l-Amerika, Ġorġ Galea.

Niftakar qisu l-bieraħ meta rajt għall-ewwel darba dan il-bankun. Kont rajtu l-ħanut li kellu l-Gżira s-Sur Ġużeppi Tonna. Kien ħadni miegħu Dun Salu Magro, il-

Prokuratur li kellha l-Knisja tagħna dak iż-żmien, li kien irsista kemm felaħ biex saret din l-opra kbira.

Niftakar ukoll li ftit wara kont erġajt mort ma' grupp ta' rġiel kollhom entużjażmati, fuq żewġ trakkijiet sabiex inġibu l-bankun mill-Gżira fejn kien għal wiri xi ġranet qabel u fejn kien ġibed l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Kienu t-8 ta' Awissu, ġimagħ qabel Santa Marija. Kif iddaħħal il-knisja ġiet żarmata l-istatwa ta' Santa Marija minn fuq il-bankun tad-Duluri (ta' Settembru) u tqiegħdet għall-ewwel darba fuq il-bankun 'il-ġdid' fost is-sodisfazzjon u l-ferħ ta' kull min kien fil-knisja f'dik il-għodwa.

Il-bankun imbagħad, kien ġie mgħotti bi bċejjeċ vjola biex jinkixef uffiċċjalment tlett ijiem wara. Kien iżżanżan nhar l-Ewwel tat-Tridu Mqaddes, 11 ta' Awissu, 1957 u kien tbierek mill-Arċipriet Dun Pawlinu Galea (wara Monsinjur) fost il-ferħ tal-Mostin. Il-bankun kien sewa madwar Lm 4,000, iżda ta' dan ħadd ma kellu ndiema għax din l-opra hekk sabiħa kienet saret biss għall-ikbar ġieħ u l-glorija tal-Verġni Marija Assunta, Patruna Glorjuża tagħna l-Mostin.

Fl-1988 dan il-bankun kien reġa' ġie illustrat bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet li għandna. Il-lustratur kien is-Sur Francis Azzopardi minn-Naxxar waqt li l-bronż kien ġie mnaddaf mid-Ditta F. Abela & Sons tal-Blata l-Bajda. Dan ir-restawr kien sewa Lm 1,600. J'Alla nkomplu nieħdu ħsieb sewwa u ngħożżu mhux biss il-bankun imma l-opri kollha li bihom hija mżejna r-Rotunda għażiża tagħna.



*Ritratt: J. Vella FRFS, AFIAB*



*Ritratt: J. Vella*

Riferenza:

1. Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha ta' E. B. Vella u Oħrajn.
2. Programm tal-Festa, 1988.
3. Ħajr lil Dun Salv Maggro ta' xi tagħrif li tani.
4. Ħajr lis-Sur Ġanni Agius ta' xi tagħrif li għaddieli.